2024/2983

29.11.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/2983

tat-28 ta' Novembru 2024

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2676 (ATALANTA/4/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, li tipprevedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA).

(2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").

(3) Fid-9 ta' Ottubru 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2676 ([2]), li taħtar il-Komodor Armando PEREIRA DA COSTA VALENTE TINOCO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(4) Fil-31 ta' Ottubru 2024, l-awtoritajiet militari Portuġiżi pproponew il-ħatra tal-Komodor Alexandre Joaquim GAMURÇA SERRANO biex jieħu post il-Komodor Armando PEREIRA DA COSTA VALENTE TINOCO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE (il-"ħatra proposta") mit-2 ta' Diċembru 2024.

(5) Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR ATALANTA appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fit-8 ta' Novembru 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u rrakkomanda li l-Komodor Alexandre Joaquim GAMURÇA SERRANO jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mit-2 ta' Diċembru 2024.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Alexandre Joaquim GAMURÇA SERRANO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.

(8) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2676 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor Alexandre Joaquim GAMURÇA SERRANO huwa maħtur bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mit-2 ta' Diċembru 2024.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2676 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/2676 tad-9 ta' Ottubru 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1691 (ATALANTA/3/2024) (ĠU L, 2024/2676, 11.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2676/oj).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fit-2 ta' Diċembru 2024.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK